FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

3 ta' Marzu 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Disgha u Sittin (69) laqgħa tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-**Disgha u Sittin (69)** Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012 fit-3.00 pm**

Id-**Disgha u Sittin (69)** laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Ghazla ta Offerta: KLF/T/01/2012 – Tender for the Upkeep of Soft areas
6. Proposta dwar ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
7. Ħwejjeg Oħra
8. Aġġornament tal-laqgħa

Ghad-Disgha u Sittin (69) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru. 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u sittin (68) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 15:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill jiehu hsieb it-trasport ghall-ikla li ser issir fil-Grand Hotel Excelsior. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu hsieb it-trasport ladarba l-avveniment ser isir fil-Floriana stess.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand BDL fejn talbu li jtellghu banner fi Triq Sant'Anna, Floriana biex jippromwovu book fair li qed jorganizzaw. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji bil-ligi, b'mod partikolari l-permess ta' Transport Malta.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Gianella Caligari ghal parkegg riservat ghal *disabled badge holders* quddiem il-bini taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jipprovdilhom parkegg riservat ghad-dizabbli magenb il-Fosos iz-zghar fi Pjazza Robert Samut, Floriana.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jaghmel insert dwar il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat fil-programm tal-festa ta' San Publju, spiza li tammonta ghal €700. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ircieva diversi rapporti li l-latrini li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V qed ikunu mahmugin ta spiss. Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur ta' dan in-nuqqas skont kif stipulat fil-kuntratt tieghu.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija biex tizdied is-sorveljanza madwar il-Floriana specjalment fiz-zona tal-latrini tal-Bombi minhabba li qed ikun hemm kazi varji ta' vandalizmu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghat-tqassim tal-qsari u saqsiet ghalfejn ma kinietx giet informata li dawn kienu ser jibdew jitqassmu u li kienu ser jitqassmu bil-polza. Is-Sindku wiegeb li dawn kienu qed jittellghu bil-polza wara l-hin tal-ufficcju u nforma li kien ghad fadal ammont kbir ta' pjanti x'jittellghu. Ghalhekk, huwa zied joffri lill-Kunsilliera kollha biex jekk ikunu interessati, jistghu jiehdu sehem fil-polza u jtellghu il-pjanti li fadal.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghac-cirkolari li ntbaghtet rigward il-clean-up tal-

Polverista u saqsa ghalfejn ma kienux gew informati l-Kunsilliera kollha b'din ic-cirkolari. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsilliera kollha kienu gew informati b'din l-attivita' u bic-cirkolari, permezz ta' l-email.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li l-gimgha li ghaddiet, kien nizzel ghall-kollezzjoni tal-iskart goff ammont t'oggetti li sa dakinhar stess kienu ghadhom ma ngabrux kollha u ghalhekk saqsa lis-Sindku bhala l-kunsillier inkarigat mis-servizz tal-gbir ta' skart goff, jekk kienx hemm xi problema. Is-Sindku wiegeb li kien hemm xi ilmenti ohrajn f'din l-ahhar gimgha u meta kien ikkuntattja lill-kuntrattur, dan kien informah li kellu xi hsara fil-vann li bih jaghmel il-gabra u li l-oggetti kellhom jingabru fil-jiem li gejjin. Is-Sindku zied jghid li l-kuntrattur kien obbligat isib alternattivi ohra u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jimmultah tan-nuqqas ta' servizz ta' gbir ta' skart goff f'dawn l-ahhar granet.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.3 u informa li xi residenti fi Blokk 2, Triq il-Fosos, kienu ta' sikwit johorgu skart barra u saqsa jekk tistax tintbaghat cirkolari lir-residenti ta' din il-blokka li tinformahom li s-servizz ta' gbir ta' skart goff huwa bla hlas. Is-Sindku wiegeb li f'din ic-cirkolari, il-Kunsill ghandu jinformahom b'meta u f'ixhin jigi offrut is-servizz u li ghandha tintbaghat mill-aktar fis sabiex ma jibqax ikun hemm abbuz minn dawn ir-residenti.

3.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies ghamel riferenza ghat-tinda li twaqqfet fiz-zona maghrufa bhala l-Biskuttin u saqsa kemm kien ghadda zmien minn meta l-Arriva gew mitluba jirrilokawha. Is-Sindku wiegeb li kien kellimhom xi hmistax qabel il-Karnival u ppropona li l-Kunsill itihom cans sal-ahhar tal-gimgha biex din titnehha.

3.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-filmat tal-mina tal-ferrovija li ngibed mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlobhom jipprovdu kopja ta' dan il-filmat. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu jiehu hsieb jaghmel kuntatt ma' min hu nkarigat sabiex tintalab kopja tal-filmat.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **63-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10330 sa 10391bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.4 Wara li l-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Finanzi u saret spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju ghas-sena 2013, tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat.

4.5 Ittiehed vot favur il-mozzjoni, bir-rizultat kien:
Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

4.6 Ir-rapport finanzjarju ghas-sena finanzjarja 2013 gie unanimament approvat u ghaldaqstant jista' jintbaghat lill-Awditur Generali.

**Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.**

## 5.0 Ghazla ta Offerta: KLF/T/01/2012 – Tender for the Upkeep of Soft areas

5.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Wilson Mifsud fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, SSH, FD, NH)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Proposta dwar ic-Centru rikreattiv ir-Re Gorg V

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien gie avvicinat mis-Sur Justin Haber ghan-nom ta' Justbes Ltd. fejn offrew lill-Kunsill kuntratt ta' ghaxar snin biex jiehdu f'idejhom il-manutenzjoni tal-picc sintetiku u tat-tennis court u fihom jorganizzaw akkademja tal-futbol.

6.2 Huwa kompla jghid li diga kienu saru diversi proposti rigward dan il-progett fejn il-Kunsill kien gibed l-attenzjoni tal-offerenti u talab li certu klawsoli jigu mmodifikati.

6.3 Is-Sindku zied jghid li wara li kienu saru diversi laqghat ma' dawk ikkoncernati, il-Kunsill kellu f'idejh abbozz tal-kuntratt propost u talab lill-Kunsill jikkunsidra din il-proposta u jaghmel l-emendi li jixtieq.

6.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili irrimarkat li ma thossx li l-Kunsill attwali kellu jiehu decizjoni fuq din il-materja minhabba li kien ghad fadal ftit jiem biss ghall-elezzjoni u ghalhekk fl-opinjoni taghha, id-decizjoni finali kellu johodha l-Kunsill tas-sitt legislatura. Hija ziedet tghid li hi kien fadlilha ftit jiem biss fil-kariga ta' kunsilliera u ghalhekk ma thossx li ghandha tghabbi lill-Kunsill li jmiss b'responsabbilta' u b'decizjoni kbira mittiehda minn dan il-Kunsill.

**<u>Nota: 16:00 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tigi sospiza sabiex ikun jista' jitkellem mas-Sur Mark Mizzi, rapprezentant ta' Justbes Ltd.</u>**

**<u>16:05 Id-disgha u sittin (69) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali kompliet.</u>**

6.5 Wara li gie diskuss il-kuntratt propost, tressqet mozzjoni mis-Sindku Nigel Holland, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex il-Kunsill jaqbel fil-principju, skont l-abbozz ipprezentat dakinhar mis-Sur Mark Mizzi, ghan-nom ta' Justbes Ltd., biz-zieda ta' dawn il-kundizzjonijiet; li l-picc sintetiku jibqa' liberu ghall-uzu tat-tfal matul il-vaganzi tal-iskola; li ma jkun

hemm l-ebda sullokazzjoni lil partijiet ohrajn u li l-klawsola numru tlettax tigi kkjarifikata biex l-interessi tal-Kunsill ikunu koperti.

6.6 Ittiehed vot favur din il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

**Nota: 16:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 7.0 Ħwejjeġ Oħra

17.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien hemm xaft sfrundat quddiem Blokk 8, Triq il-Fosos, Floriana u nforma li kien talab kwotazzjoni sabiex dan jinbidel, li tammonta ghal €577. Il-Kunsill approva.

17.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat li l-Kunsill kien inqala' t-tarmac ta' madwar it-tappiera li hemm f'salib it-toroq quddiem il-grada tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir xoghol ta' tarmac madwar din it-tappiera.

17.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn NNG Promotions fejn talbu li l-Kunsill jirrifondilhom id-depozitu li kienu hallsu ghall-organizzazzjoni taz-zewg kuncerti fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jirrifondi d-depozitu mhallas.

## 8.0 Aġġornament tal-laqgħa

8.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu 2012 fl-4.30pm.

Il-laqgha ntemmet fl-16.35.

Nigel Holland<br>Sindku

Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv